**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 13 ta' Jannar 2020**

**Talba Nru: 61/19 CZ**

**John Pace**

**vs.**

**Lorraine Templamen Segretarju Ezekuttiv Kunsill Lokali Mosta u b'digriet tas-27 ta' Mejju 2019 isem il-konvenut gie sostitwit ghal dak unikament ta' Kunsill Lokali Mosta**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tal-attur mressqa fis-26 ta' Marzu 2019 li biha premetta:

Fil-15 ta' Novembru, 2018, fis-7 u 9 minuti ta' fil-ghaxija, kont ghaddej flimnkien ma' habib tieghi bil-karozza tieghi tat-tip Mercedes C Class Coupe fi Triq Durumblatt il-Mosta, fi triqti lejn ic-Cirkewwa biex naqbad il-vapur tat-20:15 ghal Ghawdex.

It-triq kienet mudlama, bla ebda dawl hlief dak provdut mill-fanali tal-karozza tieghi.

F'daqqa wahda hassejt hoss qawwi gej min naha tar-rota ta' quddiem. Mill-hoss deher bic-car li kienet hofra f'nofs it-triq. Dak il-hin bqajt insuq bil-mod izda hekk kif indur, mar-roundabout, xeghlitli alarm fuq id-dashboard biex tindikali li kelli xi problema fit-tyre ta' quddiem tan-naha tal-lemin.

Waqaft mal-genb u sibt it-tryre nofs mnizzel. Pruvajt intellghu bil-kumpressur provdut mill-istess manifattur tal-karozza izda kien kollu ghalxejn. Ghalhekk cempilt lill-MET ghall-assistenza.

L-ewwel vettura tal-assistenza li giet ma setax issewwili il-'puncture' u peress li l-karozza ma tohrogx bi 'spare wheel', il-mekkanik li gie fuq il-post cempel kollega tieghu biex jigi jirmonka l-karozza lura quddiem id-dar tieghi f'Notabile Road, Birkirkara.

Bil-hsara li kellha l-karozza MC Mangion Ltd, li joffru servizz ta' tiswijiet tat-tyres fuq il-post, sabiex jigu fuq il-post u jsewwu il-hsara li kelli fit-tryre. Gara izda, illi it-tyre kien maqsum sew bl-iskoss li ha u ma setax jissewwa izda ried bil-fors jinbidel. La darba kellu jinbidel tyre wiehed, il-parir li tani kien li ahjar jinbidel it-trye tan-naha tax-xellug ukoll ghax jista jkun li il-karozza ma tirrspondiex kif suppost meta nuza il-brejkijiet minhabba il-fatt li kien se jkun hemm zewg tyres ta' ditta differenti u uzu differenti minn xulxin.

Ghaldaqstant, dan biddel iz-zewg tyres fuq il-post bl-ispiza totali titla ghal Eur. 630 (Sitt mija u tlettin ewro)

Dak in-nhar stess, ossia fid-19 ta' Novembru, 2018 baghatt email lil Trasport Malta, sabiex ngharrafhom bl-incident u nikklamja [sic] il-flus li hallast biex insewwi il-hsara li garrabt minhabba nuqqas ta' manutenzjoni u nuqqas ta' dawl fit-toroq.

Filwaqt li fil-21 ta' Novembru 2018 ircevejt konferma li Trasport Malta ircevew l-email, fl-istess gurnata ircevejt telefonata minn ghandhom fejn gharfuwni illi r-responsabilta' ta' Triq Durumblat hija tal-Kunsill Lokali tal-Mosta u mhux taghhom. Ghaldaqstant, fl-istess gurnata, bghatt email lill-Kunsill Lokali tal-Mosta, flimkien ma' ritratti u kopja tal-ircevuta, u tlabthom rifuzjoni tal-ammont imhallas biex tissewwa l-hsara.

Dak in-nhar stess, ircevejt email minn ghand is-Sinjurina Rita Galea, raprezentanta tas-Segretarju Ezekuttiva ta' Lorraine Templeman, fejn din talbitni nissottometti xejn anqas minn 9 dokumenti differenti biex huma jikkunsidraw il-kaz tieghi. Fosthom riedu wkoll rendikont ta' x'gara minkejja l-fatt li din l-informazzjoni li kienet diga se tkun kontenuta fir-rapport tal-pulizija!

Dawn id-dokumenti li gew mitluba huma elenkati hawn taht minn a) sa i)

Fil-25 ta' Novembru, 2018, irrispondejt lil Ms Galea bl-email u maghha hemizt dawn id-dokumenti li gejjin:

a) Kopja tal-licenzja tas-sewqan;
b) Kopja tal-polza ta' assikurazzjoni tal-vettura;
c) Kopja tal-ID Card tieghi wara u quddiem;
d) Rapport tal-pulizija;
e) Ritratti tal-post fejn gara l-incident
f) Ritratti tal-hofra
g) Ritratti tal-hsara fit-tyre;
h) Ircevuta mahruga minn ECC Mangion Ltd. li tkopri l-ispejjez tat-tiswijiet;
i) Mappa tas-sit ezatt fejn gara l-incident;

Appart d-dokumenti imsemmija hawn fuq, hemizt ukoll dawn it-tlett dokumenti li gejji:

j) Filmat mehud mid-dashcam tal-karozza tieghi li juri bic-car lis-stat tat-triq u x'hin ghaddejt mill-hofra;

k) Kopja tal-Log Book tal-vettura;
l) Ircevuta mahruga mil-kumpanija ta' assistneza tikkonferma li gew fuq il-post biex jghatu l-assistenza taghhom.

Fis-26 ta'Novembru, 2018, gejt infurmat b'email minn ghand is-Sinjurina Rita Galea, illi l-kaz tighi gie mghoddi lil-bord responsabli ghal kunsiderazzjoni taghhom.

Fis-16 ta' Dicembru, 2018 warali ma rcevejejt l-ebda notizja ohra, bghatt email ohra lis-Sinjura Rita Galea biex nara jekk il-bord iltaqax biex jism ail-kaz tieghi.

Fis-17 ta' Dicembru, 2018, Ms Galea irrispondiet u qalet li il-bord ghadu ma ltaqax u s-seduta li jmiss kellha tkun f'Jannar 2019.

Wara dan it-taqtiegh tal-qalb, fid-19 ta' Dicembru bghatt email lil kumpanija tal-assikurazzjoni tieghi, Gasan Mamo, tramite il-brokers First United, sabiex jghinuni immexxi il-kaz tieghi.

Sa dan it-tant, fit-8 ta' Jannar, 2019, ergajt bghatt email lil Kunsill Lokali tal-Mosta sabiex nara jekk iltaqax il-bord u x'kien l-ezitu.

Fit-18 ta' Jannar, 2019, ircievejt email minn ghand is-Segretarju Ezekkutiv tal-Kunsill Lokali tal-Mosta, is-sinjurina Lorraine Templeman, fejn din gharrfitni illi il bord kien iltaqa u talbuwni nissottometti l-ircevuta fiskali kif ukoll nikkonferma d-dettal fuq zewg domandi li qajjem il-bord.

Fit-18 ta' Frar, 2019, ircevejt email minn ghand Luke Zerafa, impjegat u rapprezentant ta' Gasan Mamo Insurance Ltd. u li kien il-persuna medjatrici bejni u bejn il-Kunsill Lokali tal-Mosta,fejn dan ghaddieli risposta li rcieva minn ghand is-Sinjura Templeman f'isem il-Kunsill Lokali tal-Mosta.

F'din l-email kien hemm dikjarat, illi l-kunsill ma riedx jonora t-talba tieghi u kien qed jirrillaxxa lili nnfisu minn kull obligazzjoni prezenti u futura fuq dan il-kaz.

Ghal daqstant, fid-19 ta' Frar 2019, jien bghatt kopjja tal-ircevuta fiskali lil Luke Zerafa sabiex jghaddiha lill-kunsill izda dan kien kollu ghal xejn.

Ghaldaqstant, wara li garrabt hsara fil-vettura tieghi ghal-ammont ta' Eur. 630 u li tali hsarat kienu kawzati unikament mit-traskuragni tal-Kunsill Lokali tal-Mosta li naqas mill-obbligu tieghu li jmantni t-toroq taht ir-responsabbilta' tieghu fis-stat tajjeb u mdawla, jien qed naghmel talba lit-Tribunal ghal-Talbiet Zghar sabiex jitlob lill-Kunsill Lokali tal-Mosta jirrifondini bl-ammont kollu ta' Eur.630.

Ra r-risposta tal-kunsill konvenut imressqa fit-8 t'April 2019 li permezz taghha eccepixxa:

1. Illi t-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt, stante li Templamen Lorraine ma hix il-legittimu kontradittur;
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenuta qieghda tirrespingi t-talbiet kif dedotti;
3. Illi fil-pessima ipotesi li din it-talba tkun milqugha, l-ammont huwa wiehed esagerat u bl-ebda mod ma huwa pruvat.

Ghaldaqstant tali talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez kollha kontra l-attur u minn issa huwa ingunt in subizzjoni.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Ra x-xiehda tal-attur[1] li qal li kien ghaddej bil-karozza tieghu minn Triq Durumblat, il-Mosta u hass skoss, u nduna li kellu t-tyre ta' quddiem imnizzel. Dan ma setax jissewwa fuq il-post, u l-karozza kellha tigi rmunkata lura lejn id-dar. Huwa nefaq spiza ta' sitt mija u tletin Euro (€630) sabiex sewwa l-hsara, u cioe' bidel kemm it-tyre li kellu jinbidel, kif ukoll tyre iehor tan-naha l-ohra, u biex ghamel xoghol ta' *balancing*. Ix-xhud esebixxa fost dokumenti ohra sett ta' ritratti, inkluz tal-hofra in kwestjoni. Mid-dokumenti esebiti jidher illi z-zewg tyres swew lill-attur hames mija u ghaxar Euro (€510), filwaqt li s-servizzi affini ta' balancing u x-xoghol sewa mija u tletin Euro €130) ohra. Dawn jaghmlu total ta' sitt mija w erbghin Euro (€640). Ir-ricevuta fiskali pero' tindika li ntefqet is-somma ta' sitt mija u tletin Euro (€630), u hija din is-somma tal-ahhar li l-attur talab li jithallas ghaliha. It-Tribunal ra wkoll il-filmat esebit mill-attur tal-incident in kwestjoni, u osserva li fil-hdax-il sekonda waqt li ghaddej il-filmat verament jidher li ttiehed skoss qawwi waqt is-sewqan. Mill-istess filmat it-Tribunal osserva wkoll izda, illi kuntrarju ghal dak allegat mill-attur, it-triq kienet imdawwla u mhux mudlama, fis-sens li kien hemm dawl mill-arbli pubblici fit-triq. It-Tribunal osserva wkoll illi qabel ma ha l-iskoss in kwstjoni, l-attur kien ghaddej minn parti mit-triq li kienet imqallba mhux hazin, ghaliex kien hemm diversi hofor ohra qabel ma wasal ghall-hofra in kwestjoni. Minkejja dan, l-attur jidher li baqa' ghaddej bl-istess velocita'. In kontro-ezami[2], l-attur qal li bidel zewg tyres u mhux dak biss li kien bil-hsara minhabba li nghata parir illi jekk jibdel wiehed biss, il-brejkijiet kienu ser jirrispondu differentement minn tyre wiehed ghall-iehor.

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

[1] Fol. 26 et seq.

[2] Seduta tal-11 ta' Dicembru 2019

It-Tribunal qies ix-xiehda u l-kontro-ezami tal-attur, u nnota illi verament sehh l-incident kif allegat mill-attur. Ma kien hemm ebda kontestazzjoni konkreta li t-triq in kwestjoni ma kinitx dik indikata mill-attur fil-Mosta, u lanqas ma kien hemm xi kontestazzjoni li t-triq in kwestjoni mhijiex taht l-obbligu tal-Kunsill konvenut ghaz-zamma taghha. Il-kunsill konvenut, fit-trattazzjoni, ipprova jnissel dubju dwar jekk verament sehhx l-incident in kwestjoni fid-data, hin u lok li indika l-attur, pero' mill-provi prodotti, inkluz il-filmat u r-ritratt mehud mill-attur, dan jirrizulta.

Illi l-Kunsill konvenut principarjament jikkontendi wkoll, anke bil-mistoqsijiet li saru in kontro-ezami, illi l-attur messu ma kabbarx l-ispiza billi jibdel zewg tyres meta kellu biss tyre wiehed li kien mifqugh. L-attur min-naha l-ohra jghid li nghata l-parir li jibdel iz-zewg tyres ta' quddiem, u dan anke meta t-tyre l-iehor kien prattikament gdid u kien ghadu tajjeb. It-Tribunal jirrizultalu li l-kunsill konvenut ghandu jirnexxi f'din id-difiza tieghu, u dan ghaliex l-attur ma ppruvax, imqar bi prova teknika, li huwa minnu illi kieku ma bidilx iz-zewg tyres ta' quddiem kien ha jkollu xi differenza fil-karozza. Ghat-Tribunal mhuwiex sodisfacenti li l-attur semplicement jghid li nghata l-parir li jibdel zewg tyres, iktar u iktar meta skond ir-ricevuti dawn it-tyres indikati jiswew mitejn u hamsa w hamsin Euro (€255) 'l wiehed. Kellu jkun l-attur li jipprova li kien hemm din il-htiega tal-bdil taz-zewg tyres, prova li m'ghamilx. Mill-bqija, it-Tribunal huwa sodisfatt li l-obbligu taz-zamma tat-triq kien tal-kunsill konvenut, u li verament kien hemm hofor f'din it-triq partikolari, fosthom dik li kkawzat il-hsara in kwestjoni. Ghalhekk it-Tribunal jiddikjara li l-attur jisthoqqlu jithallas tal-hsara lilu kagunata, hlief ghal tyre wiehed, u ghalhekk ha titnaqqas mis-somma mitluba s-somma ta' mitejn u hamsa w hamsin Euro (€255). Dan it-tnaqqis li kellu jnaqqas it-Tribunal ha jirrifletti ruhu wkoll fid-decizjoni dwar il-hlas tal-ispejjez ta' din il-kawza.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jilqa' t-tielet eccezzjoni tal-konvenut, jichad il-bqija tal-eccezzjonijiet, u jilqa' parzjalment it-talbiet tal-attur, u jikkundanna lill-kunsill konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tliet

mija u hamsa w sebghin Euro (€375), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-kawza sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ghandhom jithallsu kwantu ghal erba' kwinti (4/5) mill-kunsill konvenut, u kwint (1/5) mill-attur.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur